MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 512/2013

Il-Pulizija

vs

**Jason James Vassallo**

iben Carmelo, imwieled Attard, fil-31 ta' Dicembru, 1967, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 35568(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jason James Vassallo quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minn Ottubru, 2012 sa Jannar, 2013 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Anna Marie Vassallo u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghal uliedu fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkundannatu xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Jason James Vassallo tas-26 ta' Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tat-18 ta' Novembru, 2013 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah mill-akkuza dedotta kontra tieghu u fin-nuqqas taghti piena aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Jidher bic-car li l-appellant kien fl-impossibbilita li jhallas il-manteniment. Id-dhul ta' l-appellant naqas bin-nofs u bhala konsegwenza ma setax jobdi l-ordnijiet li nghataw meta kellu dhul differenti.

Illi minghajr pregudizzju, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-element intenzjonali tar-reat. Il-prosekuzzjonijiet trid tipprova bhal reati ohra li l-appellant kellu l-intenzjoni li ma riedx ihallas il-manteniment u kellu ghazliet ohra u ried li ma jobdix l-ordnijiet li nghataw lilu. Dan ma kienx il-kaz u il-prosekuzzjoni pprovat l-'actus reus', izda certament mhux il-'mens rea'.

Illi minghajr pregudizzju, l-akkuza hija preskritta skont il-ligi.

Illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, il-piena moghtija fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti mhix ekwa u gusta, jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2014 l-appellant ikkonsenja lil Anna Marie Vasallo s-somma ta' disa' mija u tletin euro (€930) li huwa l-ammont meritu ta' dan l-appell.

Illi l-parte civile ddikjarat li ma ghandhiex aktar interess f'dan l-dan l-appell.

Illi minn dak li gara fil-prezenza ta' din il-Qorti hu car li l-htija tal-appellant jirrizulta minghajr ebda dubju.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-htija.  B'referenza ghal piena, din il-Qorti thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-appellant Jason James Vassallo bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------